



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

---

*Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali*

---

**2014/2236(INI)**

15.4.2015

## **ABBOZZ TA' RAPPORT**

dwar l-Intraprenditorja Soċjali u l-Innovazzjoni Soċjali fil-ġlieda kontra l-qgħad  
(2014/2236(INI))

Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Verónica Lope Fontagné

PR\_INI

**WERREJ**

**Pàġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....3

NOTA SPJEGATTIVA .....8

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar l-Intraprenditorja Soċjali u l-Innovazzjoni Soċjali fil-ġlieda kontra l-qgħad (2014/2236(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, tat-3 ta' Marzu 2012, bit-titolu "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu, tas-6 ta' Frar 2013, dwar ir-responsabilità soċjali tal-intrapriżi: imġiba responsabbli u trasparenti tan-negozji u t-tkabbir sostenibbli<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu, tad-19 ta' Frar 2009, dwar l-Ekonomija Soċjali<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 184 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' April 2013, dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu, tal-20 ta' Novembru 2012, dwar l-Inizjattiva għan-Negozju Soċjali – Il-ħolqien ta' klima favorevoli għall-intrapriżi soċjali, il-partijiet interessati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2011<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2014, dwar il-promozzjoni tal-intraprenditorija taż-żgħażaġh għat-trawwim tal-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2013, dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali («EaSI»), li jintroduċi strument ta' mikrofinanzjament u l-intraprenditorija soċjali,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, tal-20 ta' Ottubru 2011, bit-titolu «Inizjattiva għall-intraprenditorija soċjali» (COM(2011)0682),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regolament tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A80000/2015),

<sup>1</sup> Testi Adottati, P7\_TA(2013)0049.

<sup>2</sup> ĠU C 76 E, 25.3.2010, p. 16.

<sup>3</sup> Testi Adottati, P7\_TA(2012)0429.

<sup>4</sup> ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 187.

<sup>5</sup> [http://eurlex.europa.eu/legal-content/ES/TXT/PDF/?uri=CELEX:52014XG0614\(04\)&from=ES](http://eurlex.europa.eu/legal-content/ES/TXT/PDF/?uri=CELEX:52014XG0614(04)&from=ES)

- A. billi l-ekonomija soċjali timpjega aktar minn 14-il miljun persuna, li jirrappreżentaw madwar 6,5 % tal-ħaddiema tal-UE; billi hemm 2 miljun intrapriża tal-ekonomija soċjali fl-UE, li jirrappreżentaw 10 % tan-negozji tal-UE;
- B. billi, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu, kif ukoll il-qgħad fit-tul;
- C. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma aktar flessibbli u innovattivi, joffru kundizzjonijiet favorevoli ta' xogħol u adatti aħjar għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali;
- D. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma kkaratterizzati minn involviment qawwi ta' membri jew imsieħba tagħhom fil-ġestjoni tal-kumpanija u trasparenza għolja tal-operazzjonijiet tagħhom u jirrispondu għad-domanda li dejjem tikber taċ-ċittadini għal imġiba b'etika intraprenditorjali, soċjali u li tħares l-ambjent;
- E. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jkopru firxa wiesgħa ta' soċjetajiet, u li ħafna minn dawn il-kumpaniji mhumiex rikonoxxuti minn qafas legali fil-livell Ewropew u huma rikonoxxuti biss fil-livell nazzjonali f'xi Stati Membri, li għandhom forom legali differenti;
- F. billi l-innovazzjoni soċjali tirreferi għal ideat ġodda, kemm jekk prodotti, servizzi, jew mudelli ta' organizzazzjoni soċjali, immirati lejn l-indirizzar għal talbiet ġodda u l-isfidi soċjali u ambjentali bħall-popolazzjoni li qed tixjieħ, bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u familjari, il-ġestjoni tad-diversità, il-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-bidla fil-klima;
- G. billi n-nuqqas ta' rikonoxximent li f'ħafna każijiet jaffrontaw il-kumpaniji fl-ekonomija soċjali jagħmluhom aktar diffiċli għall-aċċess għall-finanzi, kemm pubbliċi u privati; billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma prinċipalment SMEs u mikrointrapriżi;
- H. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom ikunu oqsma ta' prijorità fl-iżvilupp tal-intraprenditorija taż-żgħażaġh tagħna;
- I. billi l-ekonomija soċjali u, b'mod partikolari l-kumpaniji li għadhom kemm fetħu, joffru opportunitajiet ta' xogħol għal daww aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol;

### **Introduzzjoni**

1. Jafferma li n-negozji fl-ekonomija soċjali huma daww in-negozji li l-oġettiv prinċipali tagħhom huwa r-realizzazzjoni tal-għan soċjali tagħhom, kemm jekk ħolqien ta' impjiegi għal gruppi vulnerabbli, il-forniment ta' servizzi lill-membri tagħhom jew, b'mod ġenerali, il-ġenerazzjoni ta' impatt soċjali u ambjentali pożittiv, fuq il-massimizzazzjoni tal-benefiċċji għall-membri tagħhom jew sħab, billi jergħu jiġu investiti l-profitti tagħhom biex jintlaħqu daww l-għanijiet; jinnota li, minkejja d-differenzi legali u tal-attività tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali tal-UE, dawn għandhom numru ta' karatteristiċi komuni u rikonoxxibbli;
2. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma stabbiliti sew kemm fuq livell lokali kif ukoll reġjonali, li jippermettilhom li jifhmu aħjar liema huma daww il-bżonnijiet speċifiċi u joffru prodotti u servizzi skonthom u jtejbu l-koeżjoni soċjali u territorjali;

3. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda ta' numru ta' kumpaniji konvenzjonali li japplikaw fi ħdan l-istrateġiji ta' programmi kummerċjali tagħhom għar-responsabilità soċjali tan-negozji; ifakkar li l-applikazzjoni tal-istrateġiji tar-responsabbiltà soċjali tan-negozji mhijiex kondizzjoni suffiċjenti biex tkun ikkunsidrata bħala kumpanija tal-ekonomija soċjali;
4. Jemmen li l-innovazzjoni soċjali tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sisien ta' tkabbir fis-servizz tas-soċjetà l-iktar sostenibbli, inklużiv u li jiġġenera koeżjoni soċjali;
5. Jinnota li, biex jissaħħu l-ħiliet intraprenditorjali, il-professjonaliżmu, il-kondizzjonijiet għall-iżvilupp u t-tkabbir tan-negozji tal-ekonomija soċjali u l-ħolqien ta' ċentri ta' innovazzjoni soċjali, huwa essenzjali li jiġu promossi l-iskambji ma' imprendituri soċjali innovattivi oħra, l-akkademja u l-investituri soċjali;

### **Strateġija 2020**

6. Jirrikonoxxi li l-UE hija 'l bogħod milli tilħaq il-miri stabbiliti fl-Istrateġija 2020, speċjalment dawk relatati mal-impjiegi, l-innovazzjoni u t-tnaqqis tal-faqar u li l-ekonomija soċjali tikkontribwixxi għal mudell ekonomiku sostenibbli, intelliġenti u inklussiv f'konformità mal-oġettivi tal-Istrateġija 2020;
7. Jenfasizza li l-ekonomija soċjali, minħabba l-karattru soċjali tagħha u inklużiv, tipprovdi impjiegi għall-gruppi l-aktar vulnerabbli, li jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku, is-solidarjetà u l-koeżjoni soċjali;
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkludu n-negozji tal-ekonomija soċjali fil-pjanijiet ta' azzjoni relatati mal-impjiegi u l-integrazzjoni soċjali;
9. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-Programm Nazzjonali ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ jinkludu miżuri biex jippromwovu l-intraprenditorija u l-innovazzjoni soċjali;
10. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jbatu minn diffikultajiet fl-aċċess għall-kuntratti pubbliċi; jitlob li tkun iffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fl-akkwist pubbliku permezz ta' pariri xierqa u li jkunu ssimplifikati l-proċeduri li għandhom jiffaċċjaw; jistieden li fl-akkwist pubbliku jipprevalu l-offerti li jgħibu iktar valur ekonomiku u soċjali iktar mill-prezz l-iktar baxx, inklużi kriterji soċjali jew ambjentali fl-akkwist pubbliku;
11. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riforma tad-direttiva dwar l-akkwist pubbliku, li tinkludi klawsoli u kriterji soċjali, biex jippromwovu, fost l-oħrajn, l-inklużjoni u l-innovazzjoni soċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex fil-proċessi tal-akkwist pubbliku jinkludu l-klawsoli u l-kriterji soċjali;

### **Finanzjament**

12. Jilmenta li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali saħansitra jkollhom problemi aktar mill-intrapriżi tradizzjonali biex jiffinanzjaw lilhom infushom, sew mil-lat pubbliku jew privat;
13. Jinnota li l-aċċess għall-finanzjament huwa mxekkel min-nuqqas ta' għarfien tar-realtà ta' dawn l-intrapriżi mill-amministraturi tal-intermedjarji finanzjarji; jenfasizza l-ħtieġa għal taħriġ aħjar ta' dawn l-amministraturi dwar l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali biex jiġi faċilitat l-aċċess tagħhom għall-finanzjament;

14. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tar-Regolament dwar Fondi tal-Intraprenditorija Soċjali Ewropej;
15. Jenfasizza r-rwol li għandhom l-istrumenti tal-intraprenditorija soċjali ta' EaSI u l-fondi strutturali l-oħra u programmi Ewropej fit-tisħiħ finanzjarju tagħhom;
16. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali b'riżorsi finanzjarji suffiċjenti fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE; iqis bħala neċessarju t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament tal-ekonomija soċjali permezz ta' forom varji ta' finanzjament, bħal fondi Ewropej, fondi ta' kapital ta' riskju, mikrokreditu u finanzjament kollettiv (crowdfunding);
17. Jistieden lill-Kummissjoni biex tapplika l-aktar flessibilità possibbli fl-għajnuna statali għal intrapriżi tal-ekonomija soċjali, u biex tiffaċilita l-fehim u l-applikazzjoni mill-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-għajnuna statali dirett lejn dawn l-intrapriżi;
18. Jitlob li jiġi kkunsidrat l-investment fl-ekonomija soċjali meta jiġu valutati l-proġetti tal-Fond Ewropew għall-Investment Strateġiku;

### **Taħriġ**

19. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-kurrikulu u t-taħriġ jinkludu l-intraprenditorija u l-prinċipji tal-ekonomija soċjali;
20. Jinnota li xi intrapriżi soċjali huma kompetittivi u għandhom pożizzjoni ta' tmexxija fis-settur tagħhom, filwaqt li oħrajn jeħtieġu kompetenza biex jimplimentaw, jiżviluppaw u jamministraw in-negozji tagħhom; jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw programmi ta' taħriġ immirati u mfassla speċifikament għall-intraprendituri tas-settur soċjali biex jiżviluppaw il-ħiliet u l-għarfien bażiku ta' ġestjoni tan-negozju;
21. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja fost il-ħaddiema aktar anzjani u dawk qiegħda biex jiffaċilitaw il-konverżjoni tagħhom għall-ekonomija soċjali fit-tul;

### **Appoġġ u promozzjoni**

22. Jilmenta dwar il-livell baxx ta' għarfien li għandha l-ekonomija soċjali fil-livell Ewropew; jikkunsidra li t-titjib fil-ġbir tad-data, l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajba fil-livell Ewropew u żieda ikbar fil-mezzi tal-ekonomija soċjali u l-kisbiet tagħha jgħinu fil-parteċipazzjoni akbar tas-soċjetà fl-ekonomija soċjali, billi settur , jingħata fehim, rikonoxximent u viżibbiltà aħjar;
23. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel studju komparattiv tas-sistemi nazzjonali ta' ċertifikazzjoni u tikkettar tal-ekonomija soċjali u biex tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajba, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali;
24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' inkubaturi tan-negozju għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali;
25. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu kont ta' prattiki aħjar dwar l-adattament tar-reġimi fiskali nazzjonali għall-benefiċċju tal-intrapriżi soċjali u l-investment soċjali;

26. Jagħti iŕtruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

L-UE indikat il-linji tagħha li għandhom jiġu segwiti mis-swieq fl-Istrateġija 2020, flimkien ma' diversi objettivi ambizzjużi ħafna li ma jistgħux jiġu abbandunati.

Madankollu, il-kriżi ekonomika u finanzjarja li laqtet l-UE fis-snin riċenti u li fortunatament waslet biex tintemm, begħditna minn dawn l-għanijiet, li jagħmilna naħsbu mill-ġdid il-mudell ekonomiku u soċjali għall-tekabbir fil-futur mhux biss sostenibbli iżda li huwa integrat fil-prinċipji tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali li fuqhom hi msejsa l-UE.

L-UE trid tiffaċċja sfidi importanti fuq medda qasira, bħas-sostenibbiltà ekonomika u finanzjarja, il-benessri soċjali u speċjalment il-ħolqien ta' impjiegi, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-gruppi l-aktar vulnerabbli bħalma huma ż-żgħażaġh, in-nisa u l-anzjani, daww kiegħda, nies b'diżabilità, immigranti jew il-komunità Roma, fost l-oħrajn. Iżda biex jintlaħqu dawn l-isfidi, l-UE teħtieġ li tieħu kont ta' sfidi futuri bħalma huma l-popolazzjoni li qed tixjieħ u d-deżertifikazzjoni fiż-żoni rurali.

U biex ikomplu jintlaħqu dawn l-għanijiet, l-ekonomija soċjali għandu jkollha rwol ewlieni. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali wrew li huma reżistenti għad-disturbi ekonomiċi u kienu kapaċi joffru soluzzjonijiet innovattivi għall-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali jew għall-ħolqien tal-impjiegi.

Barra minn hekk, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali għandhom rabta qawwiya mar-realtajiet lokali u reġjonali, filwaqt li jipprovdu soluzzjonijiet xierqa għall-ħtiġijiet speċifiċi.

L-intraprenditorija soċjali u l-innovazzjoni soċjali se jkunu essenzjali għall-iżvilupp ulterjuri tal-ekonomija soċjali. Għalhekk, huwa vitali li tingħata attenzjoni speċjali lill-edukazzjoni u t-taħriġ. L-UE teħtieġ iddaħħal fiż-żgħażaġh tagħha li l-ispirtu innovattiv u intraprenditorjali meħtieġ, minn età bikrija.

Min-naħa l-oħra, huwa neċessarju li ma nfixklux l-ekonomija soċjali mar-Responsabilità Soċjali Korporattiva (RSC). L-intrapriża tal-ekonomija soċjali hija dik li l-għan ewlieni tagħha huwa li jkollha impatt soċjali aktar milli jiġi ġġenerat profitt għas-sidien jew l-imsieħba tagħha filwaqt li RSC hija l-integrazzjoni volontarja minn intrapriżi tradizzjonali ta' għanijiet soċjali u ambjentali fil-programmi kummerċjali tagħhom.

L-innovazzjoni soċjali u l-intraprenditorija soċjali huma għalhekk essenzjali għall-iżvilupp tal-ekonomija soċjali u biex jippromovuha, għal dan il-għan għandha ssir ħidma fl-oqsma li ġejjin:

- L-edukazzjoni u t-taħriġ
- Titjib tal-finanzjament
- Viżibbiltà ikbar flivell Ewropew u nazzjonali u l-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar prattiki
- Promozzjoni tal-iżvilupp tal-ekonomija soċjali fl-UE u fl-Istati Membri
- Titjib tal-ambjent legali.